**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon – Agent President**

**Onor. Imħallef Abigail Lofaro**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta` April 2018**

**Att ta' Akkuza**

**Nru. 21/2010**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Arnold Farrugia**

**Il-Qorti :**

**1.**Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fid-09 ta' April 2010, kontra Arnold Farrugia, li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah:

i. fl-**Ewwel Kap** illi f' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati illi persuna ta' nazzjonalita` Maltija kienet ser timporta ammont sostanzjali ta' droga illegali mill-Olanda permezz tal-użu ta' trailer-freezer (reefer) li tappartjeni lilha u liema mezz ta' trasport kellha n-numru ta' reġistrazzjoni TR529.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fil-ġranet qabel il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) kif ukoll dakinhar, l-akkużat Arnold Farrugia, iddeċieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga kokajina. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel, l-akkużat kien ftiehem ma' persuna oħra barra minn Malta li kellha tgħaddilu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jimportaha u jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Fil-fatt Arnold Farrugia siefer minn xtutna bit-trailer-freezer bin-numru TR529 fejn wara żjara ġewwa l-Olanda u wara li ngħata d-droga in kwistjoni u ħeba l-istess fil-magna tal-cooler tal-kontenitur, hu bagħat il-kontenitur bil-vapur lura Malta filwaqt li hu ħa titjira mill-Olanda għal Malta tramite l-Ingilterra. Dan kollu sar bi skop li l-akkużat jittraffika l-imsemmija droga.

Filfatt fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) waqt osservazzjoni li kienet qed issir mill-pulizija fuq vetturi u mezzi oħra li jidħlu bil-vapur ġewwa l-Laboratory Wharf, irriżulta li għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am) mal-wasla tal-vapur Maltese Falcon, il-kontenitur in kwistjoni ġie interċettat bħala waħda mill-oġġetti trasportati minn din id-dgħajsa u li debitament tniżżlet ġewwa pajjiżna. Ftit tal-ħin wara dehret persuna qed issuq mechanical horse li gganċjat ma' din it-trailer freeżer sabiex tittrasporta l-istess barra mill-port u f'dak il-mument il-pulizija żammewħ milli jagħmel hekk minħabba s-suspetti li kellhom dwar il-kontenut illegali ta' dan il-mezz ta' trasport. In segwitu għal iktar investigazzjonijiet rriżulta li l-proprejtarju tar-reefer in kwistjoni bin-numru TR529 huwa ex admissis l-akkużat Arnold Farrugia. Wara tfittxija akkurata li saret f'dan il-mezz il-pulizija effettivament sabet

sitt pakketti kbar u pakkett żgħir ta' lewn iswed li irriżultaw li kienu jikkontjenu sustanża bajda suspettata li kienet id-droga kokajina u li hija kkunsidrata bħala droga illegali f'pajjiżna. Din is-sustanza nstabet moħbija fil-magna tal-cooler tal-istess kontenitur bin-numru TR529.

Fortunatament id-droga ġiet interċetata u nstabet fir-reefer tal-akkużat fiċ-ċirkostanzi kif hawn fuq imsemmija u b'hekk l-akkużat ġie arrestat dakinhar tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005). Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament d-droga imsemmija fl-ammont globali ta' madwar sitt elef mitejn u għaxar grammi (6210.0 grammi) kokajina fil-forma ta' sitt (6) blokkok u pakkett żgħir u li kellha l-purita' ta' ħamsa u tmenin punt tmienja fil-mija (85.8%). Il-kokajina titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanża illegali skond il-Liġi tagħna, u liema sustanża għandha l-valur kumplessiv ta' bejn erba' mija erba u tletin elf u seba mitt Euro u sitt mija disgħa u tletin elf sitt mija u tletin Euro (€434,700 - €639,630).

Illi b'għemilu l-imsemmi Arnold Farrugia sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Arnold Farrugia ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u rregoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

ii. fit-**Tieni Kap** illi minħabba n-natura taċ- ċirkostanzi li seħħew fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fil-ġranet ta' qabel u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ bit-trailer-freezer tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni TR529 fejn wara li mar l-Olanda, bagħat il-kontenitur bil-vapur lura Malta filwaqt li hu ħa titjira mill-Olanda għal Malta tramite l-Ingilterra. Dan il-kontenitur kien jikkontjeni il-fuq minn sitt kilogrammi kokajina li nħbew bl-għarfien u bil-kunsens xjenti tal-akkużat fil-magna tal-cooler tal-istess kontenitur bin-numru ta' reġistrazzjoni TR529 u dan kollu sar bi skop li l-akkużat jimporta u jittraffika l-imsemmija droga, li tirrappreżenta mediċina perikoluża u sustanża illegali skont il-liġijiet tagħna. Effettivament li kieku l-pulizija u l-uffiċjali involuti fl-investigazzjoni ma interċettawx il-kontenitur tal-akkużat u ma ndunawx bis-sustanza suspettuża, dan il-kontenitur kien ser jispiċċa f'idejn l-akkużat b'mod awtomatiku u sussegwentement is-sustanza perikoluża li nstabet kienet ser tgħaddi f'idejn terzi persuni ġewwa Malta bi ftehim mal-akkużat u li faċilment setgħu jittraffikawha għal skopijiet ta' lukru. Illi b'hekk hu ġiegħel li din id-droga tiġi importata ġewwa Malta llegalment.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Arnold Farrugia sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenżja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Arnold Farrugia, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna

hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

iii. fit-**Tielet Kap** illi finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), u fil-ġranet ta' qabel, minħabba l-fatt li l-kontenitur in kwistjoni kienet indubjament propjeta' tal-akkużat u liema kontenitur kien ser jispiċċa f'idejn l-akkużat b'mod awtomatiku, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspetuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga kokajina u cioe' mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta' wieħed iqis il-modus operandi tat-trasport ta' din is-sustanża, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skont il-Liġi. L-akkużat m'għandux problema ta' droga u kwindi din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga li instabet kienet waħda konsiderevoli u ċioe' fl-ammont globali ta' madwar sitt elef mitejn u għaxar grammi (6210.0 grammi) kokajina fil-forma ta' sitt (6) blokok u pakkett żgħir li ċertament ma' tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa mil-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Arnold Farrugia sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx

fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Arnold Farrugia ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorzzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**2.**Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' April 2014 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta' dak in-nhar stess li bih b'tmien (8) voti favur u wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Arnold Farrugia hati talli:

**i.**assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini

Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, u dan skont l- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

**ii.** importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtorizza limportazzjoni ta' dak l-oġġett, u dan skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

**iii.** kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu, u dan skont it-Tielet Kap tal- Att tal- Akkuza;

**3.** Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Avviz Legali 292/39) u l-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali ikkundannat lill-appellant Arnold Farrugia ghall-piena ta' tnejn u ghoxrin sena prigunerija b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati kif ukoll ikkundannatu ihallas multa ta' hamsin elf Ewro (€50,000) liema multa giet ordnata li tithallas fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza u li jekk jonqos li jhallasha din il-multa fiz-zmien preskritt din ghandha tinbidel fi tmintax-il xahar prigunerija u li

jhallas ukoll is-somma ta' erbat elef, mija u erbgha w erbghin Ewro u sitta u disghin centezmu (Ewro 4,144.96c) import tal-ispejjez peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.Ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skont il-ligi. Ordnat finalment il-konfiska favur il- Gvern ta' Malta tal- oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il- Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

**4.**Rat ir-rikors ta'l-appell imressaq mill-akkuzat Arnold Farrugia fit-30 ta' April 2014 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza fejn huwa gie misjub hati skond l-Ewwel, it-Tieni u it-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull akkuza u htija u piena skont il-ligi, u fl-eventwalita` li tikkonferma l-htija tieghu li tvarja l-piena inflitta ghal piena ohra inqas skont il-ligi.

**5.**Rat ir-risposta imressqa mill-Avukat Generali fil-05 ta' Jannar 2015.

**6.**Semghet trattazzjoni.

**7.**Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat,**

**8.**L-appellant fl-ewwel aggravju minnu ntentat jishaq illi l-elementi legali li jsawwru kull delitt addebitat lilu fl-Att ta'l-Akkuza ma gewx ippruvati. Illi allura din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-elementi ta' dritt marbuta mar-reati ta'l-assocjazzjoni, ta'l-importazzjoni u finalment tal-pussess aggravat tad-droga kokajina, id-direzzjoni moghtija mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fir-rigward ta' dawn l-elementi ta' dritt, l-apprezzament maghmul mill-gurati wara li gew moghtija tali direzzjoni u jekk l-istess allura kienx wiehed erronju kemm legalment kif ukoll fattwalment.

**9.**Illi qabel ma tinoltra ruhha f'dan l-ezercizzju, madanakollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi ghandu jigi iddelinjat dak li irrizulta mill-atti processwali fil-kors tal-guri:

i. L-appellant Arnold Farrugia, jakkwista *trailer/reefer* bin-numru TR 529 u ghalhekk mghammar b'*refrigeration unit* madwar hames gimghat qabel ma sehhet l-importazzjoni tad-droga mertu ta' dan il-kaz[1]. L-appellant ighid illi ghandu b'kollox tlett *trailers*, bl-ahhar akkwist jkun dak li ghandu *refrigeration unit*.
ii. Wara dan isir kuntatt ma' Sandro Camilleri, rapprezentant tas-socjeta' Parnis England Trucking fejn l-appellant jitolbu jaghmillu prenotazzjoni ghal zewg *trailers* mal-kumpanija Sea Malta sabiex dawn jintbaghtu minn Malta lejn il-port ta' Genova gewwa l-Italja. In-numri tat-*trailers* huma JV019 u TR529. Dawn it-*trailers* jitilqu minn Malta fil-11 ta' Lulju 2005.
iii. L-appellant jikkuntattja lil rappresentanti ta' Parnis England Trucking fit-13 ta' Lulju 2005 sabiex jistaqsiehom jekk kellhomx xoghol x'jitghabba mill-Olanda. L-appellant fix-xhieda tieghu ighid, izda, illi huwa qatt ma indika il-pajjiz minn fejn xtaq ighabbi il-merkanzija. Sandro Camilleri min-

[1]Ara stqarrija tal-appellant

naha tieghu jikkontendi illi l-appellant kien semmielu specifikatament dan il-pajjiz.

iv. L-appellant jitlaq minn Malta bl-ajru b'titjira lejn Milan fejn minn hemm jaqbad ferrovija li twasslu sal-port ta' Genova. Hemmhekk jiltaqa' max-xufier Tomasz Wiozna u t-*trailer*. Dan isehh fit-18 ta' Lulju 2005 billi fit-*trip sheet* esebita fl-atti hemm indikat illi l-vjagg tat-*trailer* beda f'dan il-jum.

v. Minn hawn jibda il-vjagg tat-*trailer* lejn l-Isvizzera, fejn wara jibqa' tiela' lejn il-Lussemburgu. Qabel jitilqu minn Genova l-appellant jallega illi ghamel xirja minn *supermarket* fejn xtara xi oggetti ta'l-ikel, xkupa u romblu *garbage bags* iswed. Jikkontendi illi dawn il-*garbage bags* uzawhom matul il-lejl biex tqieghdu xi zraben u xi hwejjeg ohra li kienu mahmugin.

vi. Mal-wasla tieghu fil-Lussemburgu, l-appellant jallega illi kif kien ippjanat minnu, jerhila lejn l-ajruport fejn hemmhekk jipprova jaghmel kuntatt ma' rappresentanti ta' ditta Danzas illum maghrufa bhala Eurofreighters u dan sabiex jipprova isib xoghol gdid ta' trasport ta' merkanzija. Mal-wasla tieghu l-ajruport huwa jigi mizmum milli jidhol billi ma kellux appuntament iffissat minn qabel ma' xi persuna li tahdem f'din is-socjeta'.

vii. Ighid li wara dan imur lura lejn il-post fejn kien ipparkeggjat it-*trailer* u minn hawn jikkontendi illi kkomunika ma' rappresentanti tas-socjetajiet Parnis England u Express Trailers sabiex jara jekk kienx hemm xi merkanzija li seta' ighabbi fit-*trailer*.

viii. Sandro Camilleri minn Parnis England Trucking jikkontendi illi l-appellant jerga' jikkomunika mieghu fid-19 ta' Lulju 2005 fejn jistaqsieh jekk kellux xi xoghol x'jitghabba mill-Olanda u dan iwiegbu fin-negattiv.

ix. Francis Vella rapprezentant tal-Express Trailers min-naha tieghu jikkontendi illi l-appellant ikkomunika mieghu fl-20 ta' Lulju 2005 u staqsieh jekk kellux xi merkanzija biex titghabba mill-Belgju. Fil-fatt aktar tard f'dan il-jum rapprezentant ta' din is-socjeta' jikkomunika max-xufier Wiozna u jgharrfu illi kien hemm merkanzija biex titghabba mill-Belgju u minn Franza.

x. Ghalkemm ghadu kemm akkwista *trailer* mghammra bil-*freezer unit*, l-appellant ma jindikax lil dawn in-nies li huwa jista' jghabbi merkanzija surgelata ghalkemm jallega illi fin-natura tax-xoghol tieghu jitla' jfittex ix-xoghol u kif jasal fil-pajjizi esteri "***jipprostitwixxi***" ruhu.

xi. Ghalkemm jirrizulta illi t-*trailer* jaghmel waqfa fil-Belgju, l-appellant jikkontendi illi mil-Lussemburgu huwa jitlaq it-*trailer* max-xufier u jaqbad ferrovija li tghaddi mill-Belgju lejn l-Olanda biex mill-ajruport ta' Amsterdam jaqbad titjira lejn l-ajruport ta' Stansted gewwa Londra. Minn Londra jikkontendi illi jum wara mbaghad qabad titjira lejn Malta bil-linja tal-ajru Airmalta. Ighid illi ghamel dan ghaliex l-ispiza kienet irhas milli kieku qabad titjira diretta minn Schippol lejn Malta.

xii. Illi mit-*tripsheet* esebita tal-vjagg hemm indikat li l-vjagg bit-*trailer* beda fit-18 ta' Lulju 2005 fejn hemm indikat ukoll li f'din id-data l-appellant ghadda s-somma ta' 100 ewro cash lix-xufier. It-*tripsheet* hija mimlija mix-xufier Tomasz Wiozna, fejn l-appellant fil-kors tax-xiehda tieghu jghid li anke jaghraf il-kalligrafija tieghu. Fid-19 ta' Lulju 2005 jidher illi t-*trailer* kien qieghed l-Isvizzera u Franza. Imbaghad fl-20 ta'Lulju 2005, l-appellant jerga' ighaddi xi flus fl-ammont ta' 200 ewro lix-xufier tieghu Wiozna. F'din id-data, hemm ricevuta ta' oggett mixtri mix-xufier mill-Olanda, li allura jindika illi f'dan il-jum it-*trailer* kien jinsab gewwa l-Olanda. Fil-fatt Sandro Camilleri jindika illi fid-19 ta' Lulju 2005 l-

appellant kien ikkomunika mieghu sabiex jistaqsieh jekk kellux xi merkanzija x'ighabbi mill-Olanda. Mill-21 ta' Lulju 2005 imbaghad hemm indikat illi t-*trailer* kien jinsab Franza u fit-23 ta' Lulju 2005 jerhilha lejn l-Italja. F'din id-data filghaxija, it-*trailer* tghabba mill-port ta' Genova fi triqtu lejn Malta bil-bahar. F'din it-*trip sheet* hemm indikati tlett postijiet bhala "*pick-up*" u cioe' minn fejn tghabbiet il-merkanzija b'post minnhom ikun il-Belgju u tnejn ohra gewwa Franza. Id-dati indikati huma tal-20, il-21 u it-22 ta' Lulju 2005 rispettivament. Illi dan huwa ikkonfermat mix-XIEHDA ta' Frans u Johann Vella mis-socjeta' Express Trailers, li jikkonfermaw illi l-istruzzjonijiet moghtija lix-xufier Wiozna kien sabiex titghabba l-merkanzija minn dawn il-postijiet.

xiii. Huwa konfermat illi t-*trailer* wasal il-port ta' Genova issiggilat, u hekk wasal ukoll Malta. Jikkonferma dan ix-xhud Raymond Darmanin li f'dak iz-zmien kien jokkupa il-kariga ta' *manager* mal-kumpanija Sea Malta.

xiv. It-*trailer/reefer* jasal Malta fil-25 ta' Lulju 2005 jittiehed lejn il-*compound* ta' Hal Far fejn tinhatt il-merkanzija fil-presenza tal-ufficjali tad-Dwana u tal-pulizija, li kienu qed ighassu dan it-*trailer* billi kellhom informazzjoni li kienet ser tiddahhal id-droga Malta. Billi it-tfittxija fit-*trailer* tirrizulta fin-negattiv jigi deciz illi dan ghandu jittiehed il-Freeport li hija mghammra b'magna X-ray appozita. Minn hawn johrog illi fir-*refrigeration unit* tidher massa sewda. Fil-presenza imbaghad tal-appellant, li jigi arrestat mill-pulizija, tinfetah din ir-*refrigeriation unit* fejn tinsab id-droga imkebba f'sebgha pakketti madwar l-*extractor fan* tal-*unit.* Ir-*refrigeration unit* tat-*trailer* irrizulta li ma kienx imqabbad.

xv. Id-droga hija ippakkeggjata b'mod professjonali u mohbija mal-*extractor fans* tal-unit b'dan illi mhijiex vizibbli u difficilment tista' tinhatt minn

fejn tqieghdet jekk mhux b'apparat u ghodda appozita. Ighid hekk il-perit Richard Aquilina meta jiddeskrivi dan il-unit: *"Il-kumpressur li jinsab fin-naha ta' quddiem, jinsab kollu mghotti b'covers li huma mmuntati bil-bolts. Fin-naha tal-lemin, lejn in-naha ta' fuq, kien hemm il-ftugh tal-fan u il-genb ta' dan il-fan kien mghotti bi pjanca mizmuma ukoll bil-bolts."* Id-droga tinstab wara dan il-*cover*. Dan jindika illi l-operazzjoni biex gie zmuntat il-*unit* sabiex inharget id-droga ma kienx wiehed facli, fejn sahansitra kien hemm bzonn l-uzu ta' *forklifter* u anke ghodda appozita biex jinfethu il-boltijiet. Ix-xhud Peter Grima, ufficjal tad-Dwana ighid illi wiehed mill-boltijiet kien iebes wisq biex jinfetah b'ghodda normali billi kien marbut sew u ma setax jiccaqlaq.

xvi. Fuq wiehed mill-pakketti ta' droga li instab, kien hemm il-marki tas-swaba ta'l-appellant kif ukoll ta' certu Hasan Ben Salah. L-appellant jikkontendi illi il-marka tas-swaba tieghu instabu fuq il-*plastic* iswed li kien qed jorbot id-droga billi dan seta' kien parti mill-*garbage bag* illi huwa uza sabiex isorr il-hwejjeg mahmuga tieghu matul il-vjagg u li allura inzerta instab minn min kien qed jippakkja d-droga.

xvii. Hasan Ben Salah, residenti gewwa l-Olanda, huwa mfittex mill-pulizija Maltija in konnessjoni ma' importazzjoni u traffikar ta' droga. Fil-fatt bis-sahha ta' mandat ta' arrest ewropew jingieb Malta biex jiffaccja proceduri penali in konnessjoni ma' reati marbuta mal-importazzoni u traffikar ta' droga.

**A. <u>Ir-reat tal-assocjazzjoni:</u>**

**10.** Issa skont l-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ikun hati ta' reat kull min:

**"jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni."**

**11.**U skont l-artikolu 22(1A):

**"L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f)tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jewmi ftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu."**

**12.**Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kapitolu 101 dejjem gew ritenuti li huma erba u senjatament :

**"1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ;**

**2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f' Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta ,**

**3. sabiex tigi traffikata d-droga; u**

**4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata.**

**It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu.[2]"**

**13.**L-appellant jargumenta illi mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dawn l-elementi ma kenux jirrizultaw. Jikkontendi b'mod ewlieni illi l-provi ma jindikawx li fid-data indikata fl-Att tal-Akkuza u cioe' fil-granet li pprecedew il-jum tal-25 ta' Lulju 2005 kien sehh xi ftehim bejnu u terzi persuni sabiex tigi importata u ttraffikata d-droga gewwa Malta. Mhux biss izda jikkontendi illi lanqas ma hemm evidenza fl-atti li remotament tista' tindika illi kien jezisti xi ftehim bejn l-appellant u terza persuna jew persuni dwar dina l-importazzjoni,

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb – deciza Qorti Kriminali – 05/01/2004

liema persuna ma ssemmietx mill-Prosekuzzjoni. Illi minn ezami tal-atti processwali, madanakollu, jirrizulta illi l-persuna indikata mill-Ufficjali Investigattivi bhala dak allegatament assocjat mal-appellant f'dan l-event kriminuz, kien certu Hasan Ben Salah, liema persuna qatt ma tressaq biex jixhed, izda ingieb Malta in forza ta' mandat ta' arrest Ewropew sabiex ighaddi proceduri penali marbuta mal-kaz, fost ohrajn. Fil-fatt fl-istess aggravju l-appellant jilmenta illi l-Assistent Kummissarju Neil Harrison xehed fuq fatti marbuta ma' din il-persuna liema fatti huwa kien gie ordnat mill-Qorti sabiex ma jsemmix. Jikkontendi illi la hemm prova dwar il-ftehim u allura wisq anqas dwar l-*modus operandi* ta' dina l-allegata assocjazzjoni kriminuza, id-data meta dan l-allegat ftehim sehh u min kienu il-persuni involuti fl-istess. Finalment lanqas ma gie stabbilit jekk il-marki tas-swaba mhux identifikati li nstabu fuq il-pakketti tad-droga setghux kienu jappartjenu lix-xufier tat-trailer Tomasz Wiozna, impjegat mal-appellant. Ghalkemm l-appellant ma jikkontestax il-fatt illi sehhet l-importazzjoni, jinnega madanakollu illi kellu xi involviment fl-istess ghalkemm id-droga giet misjuba f'*trailer-freezer* proprjeta' tieghu. Illi s-sejba tal-impronti digitali ta' Ben Salah u tal-appellant fuq pakkett tad-droga jikkontendi li jistghu biss iwasslu ghal suspett, izda mhux ghac-certezza morali li trid il-ligi ghal sejbien ta' htija. Illi dan sehh wara li, fil-fehma tal-appellant, l-gurati ma gewx indirizzati sewwa mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fuq l-elementi ta' dritt li fuqhom huma msejsa r-reati addebitati lilu, bir-rizultat illi l-verdett kien wiehed erronju.

**14.**Illi dawn il-kazijiet li jitrattaw l-assocjazzjoni fir-reat tal-importazzjoni u traffikar tad-droga spiss jipprezentaw certu diffikulta' lill-Prosekuzzjoni sabiex jissostanzjaw dina l-akkuza billi l-att materjal konsistenti fil-ftehim, bejn tnejn jew aktar minn nies, jipprezenta ruhu hafna drabi f'forma astratta b'dan illi min jkun ha l-briga li jassocja ruhu ma' terza persuna ghal fini biex tigi traffikata d-

droga ser jara illi ma jhallix tracci warajh li b'xi mod jindikaw l-esistenza ta' tali ftehim. Illi l-qrati taghna spiss gew rinfaccjati b'tali diffikulta kif johrog car mill-gurisprudenza in materja.

**15.**Illi is-sentenza li dahlet *funditus* fl-elementi tar-reat tal-assozjazzjoni hija **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul**[3], fejn din il-Qorti, kif diversament komposta, ikkowtat awturi u gurisprudenza meta sahhqet illi l-prova tal-ftehim tista' tirrizulta minn inferenzi li johorgu mill-attivita kriminali li ssegwi dan il-patt kriminuz. Izda mhux biss, ghaliex jistghu jipprezentaw rwiehom kazijiet fejn dak pattwit ma jkunx gie attwat ghal xi raguni kemm indipendenti mill-volonta tal-malviventi, kif ukoll ghal motivi ohra li jistghu iwassluhom biex jiddesistu mill-agir kriminali b'mod volontarju. F' dawn il-kazijiet ir-reat tal-assocjazzjoni xorta wahda jissussisti bl-att materjali allura jkun il-ftehim milhuq bejn tnejn jew aktar:

> **"F'Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 naqraw:**
>
> **"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."**
>
> **"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."**

---

[3] Deciza 17/05/2005 App.Sup.

**16.**Illi mbaghad fid-decizjoni '**The Republic of Malta vs Steven Jon Louis Marsden**[4], din il-Qorti, diversament komposta, kompliet tamplifika fuq il-grad tal-prova mehtiega sabiex jissussisti r-reat tal-assocjazzjoni fit-termini tal-Article 22(1)(f) Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta meta qalet hekk**:-**

> **"In the Godfrey Ellul case this Court had not stated that this is the position under Maltese law. However it is in agreement with what is stated therein as it is quite clear from the said quotation that evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself. Indeed the quotation from Archbold clearly states that a conspiracy may also be proved "in the usual way" – so by means of direct evidence and/or circumstantial evidence which must be univocal, that is to say, that cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy. ….**
>
> **As one finds stated in the 2008 Edition of Blackstone's Criminal Practice:**
>
> **"There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In Murphy (1837) C C & P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, inter alia, by direct testimony, secret recordings or confessions…".**
>
> **This appears to be also the position in Scots law. Professor Gerald Gordon, in his standard text The Criminal Law of Scotland makes reference to the dictum of Lord Avonside in Milnes and Others (Glasgow High Court, January 1971, unreported) to the effect that "you**

[4] Deciza 02/11/2009

**can have a criminal conspiracy even if nothing is done to further it", adding that, indeed, this is the very essence of conspiracy."**

**17.**Illi ezaminati l-atti u x-xhieda, din il-Qorti allura trid tara jekk il-gurati setghux legalment u ragjonevolment jaslu sabiex jistabilixxu kemm mill-provi diretti kif ukoll dawk cirkostanzjali illi kien jezisti xi ftehim bejn l-appellant u terza persuna jew persuni, li fosthom il-Prosekuzzjoni tindika bhala certu Hasan Ben Salah, sabiex tigi importata u ittraffikata d-droga gewwa Malta. Il-Qorti tistaqsi: Setghu il-gurati jaghmlu nferenza mill-fatt li sehhet l-importazzjoni ta' droga f'Malta gewwa t-*trailer-freezer* appartenenti lill-appellant, illi kien hemm xi ftehim bejnu u terza persuna sabiex issehh tali importazzjoni? Tkompli tistaqsi: Setghet issir inferenza minn tali fatti stabbiliti mill-Prosekuzzjoni b'mod specjali mill-marki tas-swaba misjuba fuq pakkett ta' droga, illi kien jezisti dak il-hsieb maghmul rizultanti fi ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar sabiex isir reat kriminali?

**18.**Ibda biex huwa fatt inkontestat illi ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika illi kien hemm xi kuntatt bejn Hasan Ben Salah u l-appellant. Ghalkemm fit-telefon cellulari tal-appellant, u cioe' fil-*phone book*, jirrizultaw l-ismijiet ta' zewg persuni indikati bhala 'Il-Bloqq' u 'Salah'[5], il-Prosekuzzjoni ma tamplifikax fuq dina l-prova, bl-appellant izda jindika fix-xiehda tieghu, li dawn it-tnejn min-nies ma humiex dawk illi l-Prosekuzzjoni tallega li kienu involuti f'din il-kongura kriminali.

**19.**Ben Salah ma jixhidx la fl-atti kumpilatorji u lanqas fil-guri billi meta ngieb Malta mill-Olanda bis-sahha ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, it-termini ta'l-istess mandat kienu sabiex huwa jigi pprocessat hawn Malta ghal reati relatati

[5] Ara rapport ta'l-espert Dr. Martin Bajada a fol. 399 et seq. tal-process

mal-assocjazzjoni, importazzjoni u traffikar ta' droga u mhux sabiex huwa jaghti x-xiehda tieghu fil-proceduri odjerni. Kwindi l-Prosekuzzjoni kienet prekluza milli tressaq lil Ben Salah bhala xhud f'dawn il-proceduri. Illi l-uniku ness li gie stabbilit kien permezz tal-marki tas-swaba li gew misjuba fuq wiehed mill-pakketti tad-droga, fuq liema pakkett instabet impronta digitali wahda tal-appellant, kif ukoll marki tas-swaba appartenenti lil dan Ben Salah. Lanqas ma ngiebu biex jixhdu persuni ohra li jissemmew fix-xiehda tal-Ufficjali Investigattivi u cioe' ta' Rashid Ben Salah (hu Hasan) jew tax-xufier impjegat mal-appellant Tomasz Wiozna ta' nazzjonalita Pollakka, sabiex b'hekk provi diretti huma mankanti.

**20.**Illi ghalkemm issir allegazzjoni illi din id-droga setghet giet ippakkjata fil-garaxx ta' dan Rashid li kien jahdem bhala *mechanic* gewwa l-Olanda, madanakollu la ssir prova illi jezisti dan il-garaxx, la min hu dan Rashid u x'xoghol jaghmel u wisq anqas allura jingieb bhala xhud fil-proceduri. L-istess jinghad ghax-xufier Tomasz, li jidher li ghalkemm mitkellem mill-pulizija, kif jallega l-ex Assistent Kummissarju Norbert Ciappara, madanakollu qatt ma ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu billi l-pulizija ma kellhomx f'idejhom provi b'sahhtihom li kien b'xi mod involut f'din l-allegata kongura kriminali.

**21.**Illi allura l-uniku cirkostanza li b'xi mod tista' tindika l-ezistenza ta' din l-assocjazzjoni kriminali u cioe' ta' dan il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar, huwa il-fatt illi d-droga kokajina, fl-ammont ta' sitt kilos ta' purita gholja ta' 85%, kienet ippakkjata b'mod professjonali u mohbija sew gewwa r-*refrigeration unit* ta' *trailer* proprjeta tal-appellant, tant illi l-pulizija damu hin twil sabiex irnexxielhom isibu fejn kienet mohbija u wkoll sabiex johorguha mill-mohba taghha fil-kompartament tar-*reefer* tat-*trailer*. Jidher illi l-*freezer* kienet giet appozitament mitfija sabiex ikun possibbli li d-droga tigi hemmhekk

mohbija. Fil-fatt din id-droga instabet biss meta giet imqieghda taht il-magna tal-*X-rays* gewwa il-Freeport ta' Malta fejn hemm dan l-apparat, u dan wara li il-*container* wasal Malta. Abbinat ma' dan imbaghad hemm il-marki tas-swaba ta' Ben Salah u l-impronti digitali tal-appellant fuq l-istess pakkett. Mhux biss, izda kif jirrizulta b'mod inkontestat it-*trailer-freezer* kien jappartjeni lill-appellant u kien gie minnu akkwistat biss ftit gimghat qabel ma sehhet din l-operazzjoni. L-appellant, di piu' jidher li erhilha lejn l-Olanda b'dan it-*trailer* vojt, minghajr ma kien ghadu jaf jekk kienx ser ikollu xi merkanzija x'ighabbi fuqu fi triqtu lura lejn Malta. Mill-Olanda, it-*trailer* telaq vojt, u dan billi irrizulta illi l-merkanzija tghabbiet biss mil-Belgju u minn Franza.

**22**. Issa din il-Qorti minghajr tlaqliq tqis illi x-xiehda ta' l-appellant hija wahda ghal kollox inverosimili. Mhux biss, izda huwa evidenti illi l-appellant minn jiem qabel id-data tal-25 ta' Lulju 2005 kien fassal pjan maghmul biex ikun jista' jittrasporta d-droga lejn Malta. Issa huwa minnu illi ma hemmx prova diretta li tista' tindika illi d-droga tghabbiet mill-Olanda, izda dan ma jfissirx illi il-ftehim ma' terza persuna ma kienx jezisti. L-appellant ha hsieb jakkwista *trailer* b'*refrigeration unit* proprju ftit gimghat qabel il-granet meta kellha ssehh dina l-operazzjoni kriminali. Fil-11 ta' Lulju 2005 imbaghad ha hsieb sabiex it-*trailer* jigi imbarakat lejn il-port ta' Genova. Qabel telaq minn Malta beda jipprova jara illi jsib xi merkanzija biex titghabba fit-*trailer* fi triqtha lura lejn Malta. L-appellant imbaghad jitlaq bl-ajru lejn Milan proprju ftit jiem qabel il-25 ta' Lulju 2005. Minn hemm jinzel Genova sabiex jiltaqa' max-xufier tieghu, li kien ilu snin twal jahdem mieghu u li hu jghid li kien jafdah tant illi anke kien jafdalu *credit card* intestata f'ismu sabiex jun jista' ihallas ghall-ispejjez inkorsi matul il-vjagg. It-*trailer* minn hemmhekk jidher illi erhilha lejn l-Olanda fejn ghadda mill-Isvizzera u Franza. Mit-*tripsheet* jirrizulta illi fl-20 ta' Lulju 2005 it-*trailer* ikun jinsab l-Olanda billi hemm ricevuta ta' oggett li nxtara minn dan il-pajjiz u

fil-kantuniera ta'l-istess *tripsheet* ix-xufier jindika illi minn hawn il-vjagg telaq mill-Olanda. Konferma ta' dan ukoll hemm ix-xiehda ta' Sandro Camilleri rapprezentant minn Parnis England li jghid li l-appellant ikkomunika mieghu sabiex jara jekk hemmx xi merkanzija li tista' titghabba mill-Olanda u dan jum qabel fid-19 ta' Lulju 2005. Fil-fatt l-appellant jitlaq Mill-Olanda bl-ajru lejn l-Ingilterra u minn hemm jaqbad titjira ohra lejn Malta. It-*trailer* jinzel ighabbi ix-xoghol fi triqtu lura lejn Genova mill-Belgju u Franza, fejn jasal fil-port ta' Genova issiggillat u jibqa' hekk issiggilat sal-wasla tieghu Malta, meta imbaghad jigi miftuh biss mill-ufficjali tad-Dwana u l-pulizija.

**23.**Illi mhux palwsibbli dak li jikkontendi l-appellant illi huwa telaq mill-Lussemburgu bil-ferrovija fejn din waqfet il-Belgju u mbaghad baqghet sejra lejn l-Olanda, meta jirrizulta illi t-*trailer* kien ser jiehu l-istess triq u allura facilment seta' rikeb max-xufier tieghu minflok dahal fi spiza zejda.

**24.**Id-droga tinsab ippakkeggjata b'mod professjonali u mohbija sewwa li tindika fiha innifisha illi l-operazzjoni kollha necessarjament saret minn iktar minn persuna wahda. Abbinat ma' dan il-fattur determinanti, imbaghad hemm in-ness mahluq bejn l-appellant u Hasan Ben Salah fil-marki tas-swaba ta' dawn it-tnejn min-nies li jinsabu fuq wiehed mil-pakketti tad-droga, u dan mhux fil-wicc tieghu. Mhux biss izda huwa kkonfermat mill-Ufficjali Investigattivi li Ben Salah kien imfittex mill-pulizija Maltija tant illi ghadda proceduri penali fuq importazzjoni ta' droga. Kien ghal din ir-raguni illi l-awtoritajiet Olandizi gew mitluba jelevaw l-impronti digitali u palmari ta' Ben Salah li sussegwentment ingieb Malta permezz ta' Mandat ta' Arrest Ewropew. Huwa ndubitat ghalhekk illi kien jezisti pjan maghmul bejn l-appellant u terzi sabiex huwa jittrasporta d-droga gewwa Malta, liema droga instabet proprju fit-*trailer* proprjeta' tieghu u

kienet mohbija f'post li ma kienx accessibbli facilment, ghalkemm it-*trailer* telaq mill-pussess fiziku tal-appellant u ghadda f'idejn diversi persuni.

**25.**Dan ifisser allura illi anke jekk *gratia argomenti* l-gurati kellhom jiskartaw ix-xiehda tal-assistent Kummissarju Neil Harrison, li d-difiza tant sabet oggezzjoni ghaliha, xortawahda mill-provi kif delinjeati aktar 'il fuq setghu legalment u ragjonevolment, fil-fehma ta' din il-Qorti, jinferixxu illi kien jezisti ftehim bejn l-appellant u Ben Salah sabiex tigi importata d-droga gewwa Malta.

**26.**Dan ghaliex

> **"….. as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of *mens rea*, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose.**
>
> **"Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): *"You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."***
>
> **"The evidence derived from such decisional process will not always be as unambiguous as the example in the previous paragraph. An individual who may appear at an early stage of the 'conspiracy' to be involved might not be firmly committed. This problem is raised in a crucial form by the absence of any requirement of proximity such as is to be found in the law of attempt."**

**27.**Illi madanakollu:

> **"The cynical view of proof in conspiracy cases would be that the apparent difficulty in proving the agreement is to the advantage of the prosecutor. There is the danger that in stressing to the jury that a conspiracy can be proved inferentially, the judge may neglect to emphasise the necessity of proof per se."[6]"**

**28.**Illi din il-biza` ma tiffigurax izda f'dan il-guri ghaliex l-Imhallef li ppresjeda ndirizza lill-gurati b'dan il-mod meta kien qed jispjegalhom l-elementi ta' dritt li isawwru ir-reat tal-assocjazzjoni :-

> **"L-assocjazzjoni ta' persuni msemmija tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi jkunu li jkunu li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu. Mela jekk jiena ftehemt l-Itaija biex nidhol ma' xi haddiehor. jista' jkun hawn Malta bit-telefon, illi isma' nistghu hawn ftit ecstasy sew jew hawn eroina sew, halli ndahhluha f'Malta, halli ahna nqassmuha, pero' minn dan kollu ma jigri xejn. Ghaliex majigri xejn? Jew ghax jaqbduna qabel il-pulizija, jew ghax jisfratta x-xoghol, pero' jkun hemm xi hadd li huwa witness u jigi hawn u jghid jiena rajthom jiftehmu fuq hekk, fuq hekk u fuq hekk. La jiena dak sar, la l-ftehim sar ukoll jekk ma tinbieghx lanqas pillola wahda jew inkella xi naqra eroina, ir-reat sar u rrid nigi niffaccja l-konsegwenzi ghalih"**

**29.**Ikompli:

> **"L-ewwel element irid ikun hemm il-ftehim bejn tnejn jew aktar minn nies. Mela l-ewwel haga hija l-ftehim ….. Tghiduli jrid ikun kuntratt bil-miktub – ma hemmx ghalfejn, ma hemmx ghalfejn. … Il-ftehim jista' jkun verbali. Tghidli kif jista' jigi ippruvat? Jekk ma hemmx min jippruvah allura ma hemmx ftehim, pero' jekk ikun hemm xi hadd li sema jew inti tista' tinferixxi li jezisti dan b'mod intelligenti dik mod iehor, imma tohduhiex illi l-ftehim bil-fors irid ikun bil-miktub. Li jrid jkun iva, irid ikun ippruvat, dak l-ewwel element irid jkun ippruvat.**
>
> **It-tieni element huwa l-intenzjoni li jsir it-traffikar tad-droga … Ahna ftehmna biex nittraffikaw id-droga.**

[6] *Ibid*: The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden

**It-tielet pjan ta' azzjoni miftiehem. X' jigifleri pjan ta' azzjoni? Pjan ta' azzjoni huwa bejn wiehed u iehor x'se naghmlu ahna, kif ser inqassmu din id-droga, lil min ser inwassluha u kif ser naghmlu l-kummerc biha."**

**30.**Wara dan jerga' jispjegalhom dawn it-tlett elementi ta' dritt u jinsisti maghhom illi t-tlieta iridu jigu ippruvati.

**"Nerga nghidilkom ma huwiex rilevanti jekk il-ftehim tpoggiex fil-prattika, xorta nista' nsib ruhi fl- inkwiet. Per ezempju wasal hawn Malta pero ma sarx it-tqassim tieghu ..... L intenzjoni wahidha ma hijiex bizzejjed. Jinhtieg li l-persuni li ser jiehdu parti fi assocjazzjoni jkunu ftehmu dwar il-mezzi, ikunu xi jkunu biex jagixxu izda ma hemmx bzonn li huma jew xi persuni ohra ghamlu xi atti ohra sabiex jitwettaq il-pjan ta' azzjoni miftiehem."**

**31.**Illi allura ezaminata l-parti rilevanti tal-indirizz marbuta mad-direzzjoni moghtija rigward l-elementi kostituttivi tar-reat, ghandu johrog illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghamel enfazi mal-gurati illi ghalkemm il-prova tista' issir permezz ta' inferenzi, madanakollu trid tirrizulta l-prova cara illi kien jezisti ftehim marbut ma' spacc ta' droga u li kien hemm *modus operandi* li kien gie pattwit u cioe' l-modalita ta' kif kienet ser timxi dina l-operazzjoni.

**32.**Illi allura l-gurati ggwidati b'dan il-mod waslu ghal verdett ta' htija. Illi din il-Qorti, kif inghad, ma tista' ssib l-ebda mottiv li jista' jwassalha titbieghed minn dan il-verdett u dan ghaliex ghalkemm ma hemmx prova diretta dwar l-esistenza ta' dan il-ftehim u dan bix-xiehda tan-nies li kienu direttament involuti b'mod ewlieni dik ta' Hasan Ben Salah, madanakollu l-mod kif imxiet l-operazzjoni mill-bidunett ta'l-akkwist tat-*trailer/freezer* mill-appellant ghal vjagg lejn l-Olanda bit-*trailer* vojt u fuq kollox il-mod kif kienet giet ippakkeggjata d-droga u mohbija ben tajjeb fir-*refrigeration unit*, bl-impronti

digitali kemm tal-appellant u ta' Ben Salah fuq l-istess pakkett tad-droga, ma jistax hlief iwassal ghal konkluzjoni wahda. Ma setax, f'dawn ic-cirkostanzi pprezentati quddiem il-gurati, jirrizulta illi l-appellant kien qed jagixxi wahdu f'din l-operazzjoni tant ikkumplikata.

**33.** Issa din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-ispjegazzjoni li jaghti l-appellant ta' dawn il-provi cirkostanzjali li jippuntaw fid-direzzjoni tar-reita', ma humiex b'sahhithom bizzejjed u dan sal-grad mehtieg minnu fil-kamp penali sabiex ixejjnu l-univocita taghhom. Ibda biex ghalkemm l-appellant jikkontendi illi hija prassi fix-xoghol taghhom fil-garr tal-merkanzija illi huma jerhulha lejn pajjizi esteri bi *trailers* vojta, fejn hemmhekk imbaghad, kif ighid huwa stess, "***jipprostitwixxu rwiehom***" ghax-xoghol, madanakollu kemm Simon Camilleri ghan-nom tas-socjeta' Parnis England, kif ukoll Francis Vella li xehed ghan-nom tal-Express Trailers, jichdu dan il-fatt. Mhux biss, izda ghalkemm huwa jaghti wiehed x'jifhem illi meta jkun hemm ikun lest li jilqa' kwalunkwe xoghol li jigi fid-direzzjoni tieghu, madanakollu jonqos milli jindika lil dawn in-nies illi fuq it-*trailer* li kellu ghad-disposizzjoni taghhom setghet titghabba merkanzija tal-friza, u dan meta skont ma ighid huwa stess dan it-*trailer* kien ghadu kemm akkwistax ftit gimghat qabel.

**34.** Ukoll ghalkemm jishaq illi l-impronti digitali li kien hemm fuq il-borza sewda li intuzat sabiex tigi ippakkjata d-droga f'wahda mill-pakketti setghet kienet parti minn *garbage bag* li kien uza u li halla warajh fuq it-trukk, madanakollu ma ingiebet l-ebda prova u dan sal-grad tal-probabbli li juri illi l-*plastic* iswed li ntuza bhala packaging kien proprju parti minn *garbage bag*, kif lanqas hemm prova illi anke jekk din kienet parti minn *garbage bag*, inzertat proprju dik l-istess wahda li kien mess l-appellant. Illi huwa ukoll ghal kollox inversimili illi min jiehu l-izbriga li jinnegozja fit-tmexxija tad-droga ma jkunx lest armat

sabiex din tigi ppakkjata u minflok juza xi *garbage bags* li jinzerta isib fil-vicinanzi. Kif lanqas igib prova l-appellant illi huwa kien erhilha lejn l-ajruport tal-Lussemburgu sabiex ifittex kuntatti ta' xoghol mas-socjeta' Eurofrieghters, meta dan, ghalkemm jikkontendi illi siefer appozitament ghal dan il-mottiv, lanqas jindenja ruhu jaghmel xi kuntatt ma' din is-socjeta' qabel ma jitlaq minn Malta meta kellu jkun konxju tal-fatt bl-esperjenza tieghu f'dan il-qasam tax-xoghol illi ma kienx ser jithalla jidhol gewwa l-ajruport minghajr xi appuntament iffissat minn qabel ma' persuna specifika. Ix-xiehda tal-appellant hija mimlija toqob u ma hijiex b'sahhitha bizzejjed u dan sal-grad tal-probabbli sabiex ixxejjen il-provi tal-Prosekuzzjoni.

**35.**Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet allura, ma hemmx dubbju illi l-elementi ta' dritt marbuta mar-reat tal-assocjazzjoni tad-droga jirrizultaw kollha ippruvati. Ibda biex id-data indikata fl-akkuza bhala l-jien li pprecedew l-importazzjoni tad-droga u cioe' tal-25 ta' Lulju 2005 hija wahda korretta billi huwa ndubitat illi l-operazzjoni kollha sabiex tigi importata d-droga gewwa Malta sehhet proprju fil-jiem li ipprecedew il-25 ta' Lulju 2005, bl-akkwist mill-appellant tat-*trailer/freezer* u sussegwentment bl-arrangamenti li beda jipprova jaghmel l-appellant sabiex ifittex xi merkanzija x'ighabbi fuq dan it-*trailer*. Dan kollu jindika illi kien hemm ftehim f'dawn ll-granet li kien qed jingieb fis-sehh. Dan iwassal allura ghall-elementi l-ohra tar-reat, kif hawn fuq imfisser. Huwa ndubitat mill-*modus operandi* ta' kif tmexxiet dina l-operazzjoni li l-appellant ma setax organizzaha wahdu. Bil-fors illi dan sehh bl-ghajnuna ta' terzi. Issa l-ligi ma tispecifikax illi l-persuni li maghhom isir il-ftehim ghandhom jigu identifikati. Huwa bizzejjed illi jigi ippruvat illi kien hemm ftehim fuq saqajh fejn fih hemm imfassal pjan ta' azzjoni. Dan kif inghad jista' jigi inferit mill-mod

kif mexa l-appellant kemm fil-jiem li pprecedew l-importazzjoni, kif ukoll bil-mod professjonali kif kienet mahzuna u ppakkjata d-droga u fuq kollox l-impronti digitali li nstabu tieghu u ta' terzi persuni fuq il-pakketti tad-droga. Illi allura din il-Qorti ghal dawn il-mottivi kollha tqis illi l-verdett milhuq mill-gurati marbut ma' dina l-akkuza jisthoqqlu li jigi kkonfermat.

**B. <u>Ir-reat tal-importazzjoni:</u>**

**36.**Illi l-aggravju marbut mad-dikjarazzjoni ta' htija ghal dan ir-reat huwa imsejjes fuq il-fatt tan-nuqqas ta' xjenza da parti tal-appellant illi fit-*trailer* tieghu li dahal Malta minn Genova fuq il-vapur Maltese Falcon kien hemm id-droga.

> **"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma "xjentement"; fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), kap 101), ikun fil-pussess" (regola 8, A.L.292/1939), "jimporta (artikolu 15A (1), Kap. 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-dispozizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux empliciment ta' reati kolpuzi. Il-legistratur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlita xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova**

**(imqar fuq bazi ta' probabilita') kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26 (2).[7]"**

**37**. Isejjes dan l-ilment l-appellant fuq in-nuqqas ta' produzzjoni mill-prosekuzzjoni ta' Tomasz Wiozna, ix-xufier tat-trailer, bhala xhud. Lanqas ma jidher, jishaq l-appellant, illi tul id-disgha snin li damu ghaddejjin il-proceduri, il-prosekuzzjoni ghamlet xi sforz sabiex tara illi dan ix-xhud jigi rintraccjat. Dan ghaliex ix-xhud seta jitfa' dawl fuq ix-xjenza o meno tal-appellant dwar id-droga li kien hemm fit-*trailer* tieghu. Jishaq illi anke hawnhekk l-unika prova li ghandha il-Prosekuzzjoni hija l-impronti digitali tal-appellant li nstab fuq wiehed mill-pakketti tad-droga.

**38.**Illi a skans ta' repitizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula dwar l-apprezzament tal-provi li hemm fl-atti, li fil-fehma taghha jindikaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-appellant kien parti minn dan ic-cirku kriminali li gie assocjat bl-ghan specifiku li tigi importata d-droga f'Malta. Kwindi huwa zbaljat meta l-appellant jishaq illi l-uniku prova anke ghar-rigward dan it-tieni kap tal-att tal-akkuza kienet biss l-impronti digitali tieghu billi l-provi juru xort'ohra, juru illi huwa kien ha l-briga li fil-jiem ta' qabel il-25 ta' Lulju 2005 jembarka f'vjagg twil bl-ajru u bit-*trailer* tieghu ghal diversi postijiet fl-Ewropa fejn dan it-*trailer*, li kien akkwista ftit gimghat qabel attrezzat appozitament b'*refrigeration unit*, ma kellu l-ebda ordni sabiex ighabbi xi merkanijza qabel it-tluq tieghu la minn Malta u lanqas mill-port ta' Genova u meta kien cert illi it-*trailer* seta' jghabbi xi merkanzija, telaq dan it-*trailer* f'idejn ix-xufier tieghu Wiozna u erhilha lejn l-ajruport ta' Schippol gewwa l-Olanda fejn wasal Malta izda mhux b'titjira diretta sabiex

[7] Il-Pulizija vs Marzouki Beya Bent Abdellatif Qpp.Inf. 16/02/1998

jahbi it-tracci tieghu. Fil-fatt jikkontendi illi nizel fl-ajruport ta’ Stansted gewwa Londra fejn wara li qatta’ jum hemmhekk imbaghad erhilha lejn Malta bil-linja tal-ajru tal-Airmalta. Illi ukoll ezaminat l-indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-guri, il-Qorti tqis illi dawn gew sewwa diretti meta intqal lilhom fir-rigward tat-tifsira tal-kelma ‘importazzjoni’:

> **“Tfisser rigward Malta ggib jew iggieghel li jingieb f’Malta, li ggib jew iggieghel li jingieb f’Malta b kull mod li jkun. .... Mela hawnhekk tridu taraw minn fejn telaq il-vapur, fejn wasal, araw x’qalet il-Prosekuzzjoni dwar dan, x’qalet id- Difiza, x’submissions ghamlet dwar dan (li jiena issa ser nghaddi kollox nerga’), pero’ mportazzjoni tfisser li ddahhal fil-pajjiz ta’ Malta minn barra jew iggieghel lil haddiehor idahhal**

**39.**Stabbilit kwindi mill-provi in atti li t-*trailer* wasal Malta fuq il-vapur Maltese Falcon tad-ditta Sea Malta u li mal-wasla tieghu gewwa Malta nzamm issigillat u nfetah u nhatt biss mill-ufficjali tad-dwana u mill-pulizija, kellu ikun indubitat illi l-importazzjoni tad-droga sehhet u dan, kif inghad, bix-xjenza tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jigi michud.

**C. Ir-reat tal-pussess aggravat.**

**40**. Illi l-appellant meta jigi biex jikkontesta s-sejbien ta’ htija ghal dan ir-reat isostni illi huwa qatt ma kien fil-pussess jew fil-kustodja tat-*trailer* u dan meta kien hemm id-droga fih. Dan ghaliex jishaq illi fl-mument illi d-droga giet imqieghda gewwa t-*trailer* huwa ma kienx prezenti. Di piu’ l-istess *trailer* ghamel hin twil mhux fil-pussess fiziku tieghu jew taht il-kontroll tieghu tant illi kien accessibbli ghal diversi nies fil-postijiet fejn waqaf tul it-trasport tieghu lejn Malta. Di piu’ lanqas mal-wasla tieghu Malta, ma kien ser ighaddi minnufih

fil-kustodja tieghu billi dan jigi mehud mix-xufier tal-Express Trailers lejn il-bitha gewwa Hal Far fejn tinhatt il-merkanzija.

**41.**Fil-fehma tieghu ghalhekk, lanqas ma jirrizulta l-element tal-pussess kostruttiv, billi t-*trailer* ma kienx il-hin kollu mill-mument li beda t-tragitt tieghu sal-mument illi l-istess gie maqbud mill-pulizija, taht il-kontroll tal-appellant. Dan ifisser ghalhekk illi d-droga la kienet fil-pussess materjali tieghu u lanqas f'dak kostruttiv billi huwa ma kienx f'posizzjoni li jkollu kontroll tal-istess u lanqas seta' jiddisponi minnha x'hin irid. L-appellant jishaq allura illi fl-ewwel lok il-prosekuzzjoni kien jehtigilha tipprova qabel xejn ix-xjenza da parti tieghu illi fit-*trailer* proprjeta' tieghu kien hemm id-droga u ukoll illi kien jaf illi finalment dak it-*trailer* bid-droga fiha kien ser jispicca fil-pussess tieghu u tieghu biss. Il-fatt illi t-*trailer* gie mizmum fil-bitha accessibbli ghal diversi persuni fosthom il-haddiema tas-socjeta' Express Trailer, jindika illi tali pussess allura ma setax jirrizulta. Il-pussess materjali tad-droga kienet f'idejn ix-xufier Tomasz Wiozna li qatt ma ngieb bhala xhud mill-Prosekuzzjoni.

***42.***Issa sabiex tirrizulta kundanna ghar-reat tal-pussess aggravat ta' droga u dan meta jkun hemm il-pussess kostruttiv izda mhux dak materjali, il-Prosekuzzjoni trid necessarjament tipprova, u dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, zewg fatturi:

i. Illi l-persuna akkuzata kellha x-xjenza dwar l-esistenza tad-droga.
ii. Illi l-persuna akkuzata setghet tezercita il-kontroll fuq dik id-droga.

**43.**Issa meta jkun hemm persuna jew persuni ohra li jkunu fil-vicinanzi ta' dik id-droga, allura l-Prosekuzzjoni trid tressaq provi li jindikaw illi kien l-akkuzat biss li seta` jiddisponi minn dik id-droga u jezercita kontroll fuqha.

**44.** Illi huwa ndubitat illi ghalkemm it-*trailer* kien fil-pussess tax-xufier Tomasz Wiozna u sussegwentment kien anke jinsab vicin nies ohra kemm matul it-tragitt lejn Malta kif ukoll mal-wasla tieghu f' Malta qabel ma l-appellant gie imsejjah mill-assistent Kummissarju Norbert Ciappara, madanakollu l-post fejn kienet mohbija d-droga ma kienx facilment accessibbli bit-*trailer* ikun issiggillat tul il-vjagg tieghu lejn Malta u l-parti tar-*refrigeration unit* maqfula sewwa bil-boltijiet tant illi kien biss b'operazzjoni kkumplikata illi l-imsemmija droga setghet titnehha mill-mohba taghha. Kif diga inghad u kif jirrizulta ampjament mill-provi, id-droga kienet tant mohbija tajjeb illi difficilment din kienet se tidher *ictu oculi* u allura difficilment setghet tkun accessibbli ghal nies ohra li ma kenux jafu specifikatament bil-presenza taghha. Illi jirrizulta illi l-pulizija kellhom diffikulta sabiex jirrintraccjawha u dan seta' jsir biss meta l-istess *trailer* ittiehed lejn il-Freeport fejn tqieghed taht apparat appozitu ta' X-ray meta mbaghad bdiet tidher massa sewda prezenti fir-*refrigeration unit*. Anke hawnhekk il-pulizija nibet fiha biss suspett illi din setghet kienet droga u kien biss f'operazzjoni delikata hafna, u li saret fil-presenza tal-appellant, illi din id-droga nharget bil-mod minn dan il-*unit* li, *del resto*, kien wiehed issigillat ben tajjeb. Fil-fatt din l-operazzjoni kellha issir permezz ta' *forklifters* u ghodda ohra specjali sabiex il-*unit* jigi zarmat minghajr ebda hsara. Kwindi huwa nutli ghall-appellant jipprova jishaq illi kien hemm nies ohra li setghu kellhom il-pussess tad-droga ghaliex tali operazzjoni ghat-tnehhija tad-droga mit-*trailer* tieghu ma setghetx issir hlief f'xi post li ma kienx vizibbli ghal kulhadd, u b'certu diffikulta'. Tant hu hekk li anke l-pulizija tal-iskwadra kontra d-drogi jghidu li kien difficli ghalihom li jahdmu *in cognito* billi f'dawn l-ambjenti ma tistax tinheba facilment izda tkun vizibbli ghal kulhadd. Kif allura jista' l-appellant b'xi tigbid tal-immaginazzjoni jipprova igieghel lil din il-Qorti temmnu li d-droga setghet ingiebet Malta minn terza persuna *ad insaputa* tieghu meta l-

operazzjoni sabiex tigi rimossa d-droga mill-mohba li kienet fiha setghet issir biss hekk kif it-*trailer* jerga` jigi fil-pussess fiziku tieghu wara li tinhatt il-merkanzija.

**45.**Jaghtihom din id-direzzjoni l-Imhallef lill-gurati fir-rigward ta' dan ir-reat:

> **"X' inhu l-pussess hawnhekk l-ahwa? Il-pussess jiena jekk sabuni hemmhekk u sabuli fuqi erba' bhal ma ghidt pilloli, il-pussess huwa l-kontroll. X jigifieri il-kontroll? Qieghed taht il-kontroll tieghi, qieghed taht il-kontroll tieghi. Jien qed niehu hsiebu b'xi mod jew iehor. Issa jekk bhal ma ghidtilkom tefawhuli u jiena ma nafx dik tigi haga ohra, pero' il-pussess fis- semplicita' tieghu fil-kriminal ma ghandux dik il-meaning illi ghandkom intom meta tghidu jien nippossjedi l-karozza, jien nippossjedi l-fridge. Huwa sempliciment qieghed taht il-kontroll tieghek."**

**46.**Stabbilit allura minn din il-Qorti illi l-appellant kellu x-xjenza ta' din id-droga fit-*trailer* tieghu, u imfassla l-elementi ta' dritt li jsawwru dan ir-reat, din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghelha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-gurati li kienu sewwa indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri. Dan l-aggravju, ghalhekk, qed jigi michud ukoll.

**D. Ix-xhieda ta'l-assistent Kummissarju Neil Harrison**

**47.**Illi finalment din il-Qorti sejra tqies t-talba maghmula mill-appellant, ghalkemm mhux riflessa fir-rikors tal-appell tieghu, illi ikun hemm is-smigh mill-gdid tal-guri fit-termini tal-artikolu 508 tal-Kodici Kriminali u dan meta jikkontendi illi bix-xiehda tal-Assistent Kummissarju Neil Harrison, il-gurati gew influwenzati fil-verdett taghhom u dan meta dan xehed dwar fatti li skont ordni tal-Qorti huwa ma kellux isemmi. Fil-fehma tal-appellanti sehh "*miscarriage of justice*" fil-konfront tieghu li jivvizzja il-verdett ta' htija milhuq mill-gurati.

**48.**Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xiehda tal-Ex Assistent Kummissarju Neil Harrison li jaghti dettalji dwar kif kien involut fl-investigazzjoni dwar is-sejba tad-droga mertu ta' dan il-kaz gewwa it-*trailer/reefer* proprjeta ta' Arnold Farrugia u id-digriet tal-Ewwel Qorti fejn dan gie moghti direzzjoni dwar kif kellu jixhed.

**49.**Fil-kors tax-xiehda tieghu Harrison isemmi kif mill-ezamijiet maghmula mill-esperti forensici tal-marki tas-swaba hareg illi fuq il-pakketti tad-droga gew elevati diversi marki tas-swaba fejn wiehed minnhom kien appartenenti lill-appellant. Billi gew elevati marki tas-swaba ohra minn fuq l-esebiti, kienu ntalbu mill-awtoritajiet Olandizi, fejn Hasan Ben Salah kien qieghed jinzamm arrestat, sabiex jigu elevati l-impronti digitali u palmari tal-istess Salah u jintbaghtu Malta sabiexisiru l-ezamijiet komparattivi. Fil-fatt mir-rapport ta'l-espert Joseph Mallia u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante, jidher illi kien hemm xi marki tas-swaba li kieku ukoll jappartjenu lil dan Ben Salah. Fil-kors tax-xiehda tieghu Harrison jiddeskrivi kif il-pulizija waslu ghal dan Hasan Ben Salah fejn jirrakonta kif din il-persuna, li allura kienet ghadha injota mal-pulizija u maghrufa biss bl-isem ta' Kleiner, bdiet tigi mfittxija sabiex b'hekk fl-ahhar il-pulizija waslu ghall- persuna ta' Ben Salah. Ighid illi din l-investigazzjoni ghat-tfittxija ta' dan Salah kienet bdiet snin qabel ma sehh il-kaz odjern billi Ben Salah kien involut f'kazijiet ohra ta' importazzjoni ta' droga fejn kienu involuti terzi persuni bhal Paul Debattista maghruf bhala l-Bloqq, izda fejn l-appellant ma kienx involut. Meta jirreferi allura ghal Ben Salah huwa jaghti stampa ta' kif il-pulizija waslu biex jistabilixxu l-identita ta' din il-persuna, izda jispjega car u tond illi l-appellant ma kienx involut f'dawn l-investigazzjonijiet. Mhux biss izda anke l-Imhallef togat jaghmilha cara mal-gurati illi l-appellant ma kienx involut fl-investigazzjonijiet l-ohra marbuta ma' importazzjoni ta' droga li jsemmi

Harrison li sehhew fl-2003. Ighid hekk Harrison fuq mistoqsija ta wiehed mill-gurati:

> **"Jien dan semmejtu fil-konfront ta' Hasan Ben Salah, kienet opportunita ghalina biex nidentifikaw min hu dan Hasan Ben Salah, pero' mhux l-akkuzat kien fiha. Kien Paul Debattista, Malti iehor, mhux l-akkuzat."**

**50.**Il-Qorti imbaghad indirizzat lill-gurati hekk:

> **"Ma kienx assolutament l-akkuzat, ha naghmulha cara din, ma kienx l-akkuzat. Tinsewx illi intom tridu tiffukaw fuq dan il-kaz u fuq dan il-kaz biss, biss u biss."**

**51**. Ix-xhud ikompli:

> **"Forsi nghidha fil-kaz Sur Imhallef ha nkun car, jien din ghamilna din l-investigazzjoni, tlajt l-Olanda biex nippruvaw nidentifikaw lil dan il-persuna li kien maghruf maghna biss ghadu bhala Kleiner. Dik kienet l-iskop ta' din l-investigazzjoni ...."**

**52.**Illi id-difiza ma taghmel l-ebda mistoqsijiet in kontro-ezami dwar dawn l-investigazzjonijiet marbuta ma' Ben Salah u wisq anqas tressaq xi tip ta' oggezzjoni ghal mod kif kien qed jixhed ix-xhud Harrison, ghalkemm l-appellant isostni illi din il-parti tax-xiehda ta' Harrison kienet tilledi id-dritt tieghu ghal smigh xieraq minhabba li hu semma fatti marbuta ma' investigazzjonijiet ohra li maghhom l-appellant ma kellux x'jaqsam biex b'hekk lill-gurati tahom x'jifhmu illi huwa kien ukoll implikat fl-istess.

**53.**Issa l-Ewwel Qorti tat din din id-direzzjoni fir-rigward tal-oggezzjoni li qanqlet id-difiza ghax-xiehda tal-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara marbuta mal-investigazzjonijiet kondotti in konnessjoni ma' Hasan Ben Salah u dan fid-digriet taghha ta'l-1 ta' April 2014:

**"fil-fehma tal-Qorti bil-fors li jrid jissemma dan ix-xhud (b'referenza ghal Ben Salah) li l-proces verbal dwar il-fingerprints tieghu kien ipprezentatwaqt il-kumpilazzjoni. Minbarra dan, .... il-Qorti ta'l-Appell Kriminali Superjuri ma sabet assolutament xejn hazin li dan il-proces verbal ikun inkluz fil-process. Il-gurati ma jkunux jistghu jaghmlu sens jekk ikun ipprezentat il-proces verbal u ma jissemmiex Hasan Ben Salah. Il-gurati jridu b'xi mod jorbtu l-fatti li jirrizultaw mill-proces verbal ma' xi hadd jew xi haga. Li kieku kien mod iehor, il-Qorti tal-Appell Superjuri kienet tordna l-isfilz ta' dna il-proces verbal izda dan ma sarx.**

**Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti ser taghti direzzjoni lill-Assistent Kummissarju, is-sur Norbert Ciappara, li jekk dan jirreferi ghal Hasan Ben Salah huwa jkun jista' jghid li ttiehdu proceduri kontra Hasan Ben Salah u jieqaf hemm. Ma hemm xejn fil-ligi taghna li jghid li dan ma jistax isir."**

**54.**Dan id-digriet kien jorbot ukoll lix-xhud Neil Harrison u dan wara oggezzjoni li saret mid-difiza identika ghal dik li kienet saret fil-konfront tax-xhud Ciappara. Illi mill-verbal tal-4 ta' April 2014 jidher illi l-Ewwel Qorti wissiet lill-Assistent Kummissarju biex izomm mar-regoli evidenzjarji marbuta mal-*hearsay* u li ma jsemmix kundanni li wehel Ben Salah.

**55**. Issa fil-kors tax-xiehda tieghu Harrison ghamel proprju dan u cioe' spjega kif gie rintraccjat Hasan Ben Salah, il-mottiv wara t-tfittxija, l-arrest ta' din il-persuna mill-awtoritajiet Olandizi, it-tehid tal-kampjuni tal-marki tas-swaba mill-istess awtoritajiet u t-talba li saret mill-awtoritajiet gudizzjarji maltin sabiex dawn jintbaghtu Malta u l-ezamijiet komparattivi li saru in segwitu ghall-istess fil-proceduri penali kontra l-appellant fejn gie stabblit illi uhud mill-boroz fejn giet ippakkjata d-droga mertu ta' dan il-kaz kien hemm xi impronti digitali fuqhom appartenenti lil Ben Salah. Fil-fatt din il-Qorti, (diversament komposta) fis-sentenza taghha tas-16 ta' Lulju 2012 kienet iddikjarat ammissibbli l-prova li riedet taghmel il-Prosekuzzjoni permezz tal-proces verbal marbut mal-ezamijiet li saru tal-marki tas-swaba ta' Ben Salah. Ladarba allura din kienet ser

tkun parti mill-provi imressqa quddiem il-gurati huwa bil-wisq evidenti illi kellha tinghata retroxxena mill-ufficjali tal-pulizija li investigaw dan il-kaz sabiex jigi stabbilit kif il-pulizija waslu sabiex irrintraccjaw lil dan Ben Salah u r-raguni li wasslithom sabiex jinbdew investigazzjonijiet fil-konfront tieghu. Il-gurati gew imwissija car u tond mill-Imhallef li ippresjeda il-guri sabiex jinjoraw il-parti tax-xiehda fejn kienu imsemmija terzi persuni fosthom allura Pawlu Debattista maghruf bhala “il-Bloqq” u Rachid Ben Salah li ma kellhom l-ebda konnessjoni mal-appellant sabiex b’hekk ma setax kien hemm xi biza` illi tali investigazzjonijiet fuq il-persuna ta’ Ben Salah u terzi seta’ kellha xi impatt pregudizzjali fil-konfront ta’l-appellant.

**56.**Fuq kollox, jerga` jinghad, illi matul il-kors tax-xiehda ta’ Harrison, ma jidhirx illi d-difiza sabet oggezzjoni ghall-mod kif kien qed jixhed ix-xhud u lanqas sar kontro-ezami fir-rigward hlief li sarulu zewg mistoqsijiet dwar fejn ittiehed it-*trailer* hekk kif nizel Malta. Lanqas ma jidher mill-atti illi l-Ewwel Qorti waqqfet lil Harrison fil-kors tax-xiehda tieghu u wissietu fuq dan il-punt, kif allegat mid-difiza fil-kors tat-trattazzjoni orali.

**57**. Iwissi lill-gurati b’dan il-mod, l-Imhallef fl-indirizz finali u dan fuq ir-regoli tal-evidenza, il-piz tal-provi u l-*hearsay:*

> **“Allura nixtieq please tifhmu illi inti u tizen kollox .... tghid iva allright jekk ser nemmen jien lil AC li qalha. Jekk ser nemmnu nghid iva sar dak il- kliem, pero’ ma tikkonkludix mill-ewwel Ii ghax sar dak il-kliem allura ghandek il-prova Ii I-akkuzat ghamel hekk — trid tghaqqadha ma’ xi haga ora u sservik ta’ forcina, ta’ korroborazzjoni, ghidilha Ii trid.**
>
> **U jiena ghidtilkom tkun moralment sodisfatt Ii tghid ma hemmx htija fuq l-ewwei kap, jew hemm htija fuq I-ewwel kap, moralment. Inhoss moralment Ii huwa hekk u aktar milli nhoss nirraguna moralment li huwa hekk.**

> **Ghaliex .... r reasonable doubt huwa dak li wara li bl-intelligenza u bil-kalma inti u tara l-provi kollha u tanalizzahomjista' jibqa' dak id- dubju, dak huwa r-reasonable doubt. Wara li flejt kollox baqghalek dak ir-reasonable doubt, daka bhal ma diga' ntqal ghandu jmur favur l-akkuzat.**
>
> **Mela qabel tghid jiena ghandi reasonable doubt please aghsar il-provi w aghsarhom b' mod intelligenti.**

**58**. Finalment l-appellant jilmenta ukoll illi bil-fatt illi l-Imhallef fl-indirizz ta direzzjoni lill-gurati sabiex joqghodu biss fuq il-verbali tal-Qorti u dak li jirrizulta bil-miktub mill-atti, inholoq pregudizzju ghalih ghaliex indirettament huwa kien qed jindika lill-istess gurati illi dak mistqarr mill-appellant fix-xiehda tieghu fejn fl-awla matul il-kumpilazzjoni, Hasan Ben Salah kien iddikjara illi lilu ma kienx jafu u qatt ma iltaqa' mieghu ma kellux mis-sewwa, u li allura x-xiehda tieghu hija inverosimili.

**59**. Illi fil-kors tax-xiehda tieghu l-appellant jishaq illi f'wahda mis-seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kumpilazzjoni kien tressaq Hasan Ben Salah sabiex jiddeponi. Dan izda ghazel li ma jaghtix ix-xiehda tieghu billi kien hemm proceduri penali pendenti fil-konfront tieghu u wkoll billi huwa kien ingieb Malta in forza ta' mandat ta' arrest ewropew u dan limitatament sabiex ighaddi process gudizzjarju fuq akkuzi dwar assocjazzjoni u importazzjoni ta' droga u mhux biex jaghti x-xiehda tieghu. Jikkontendi izda illi waqt din is-seduta l-avukat tieghu kien staqsa lil Ben Salah jekk dan kienx jafu u Ben Salah wiegeb fin-negattiv, izda din ir-risposta qatt ma giet irregistrata bhala parti mix-xiehda tieghu. Issa l-imhallef li ippresjeda il-guri jaghti din id-direzzjoni lill-gurati:

> **"Umbaghad qamet ukoll il-kwistjoni u din irrid niccaraha wkoll illi ntqal xi kliem fl-awla. Jiddispjacini nghidilkom illi il-golden rule dejjem kienet**

**dak li hemm fil-verbali jghodd. Dak li hemm fil-verbal jghodd. Jigifieri jekk ikun hemm xi cross talking matul is-seduta dak majinzilx, ma hemmx imnizzel u la ma hemmx imnizzel ma tistax tirreferi ghalih. Din hija l-golden rule. Ahna nghidulha bil-Latin is-soltu, quod non est in actis non est in mundo - jekk qed taraw din hija naqra difficli bil-Latin, dak li ma hemmx fl-atti ma jezistix. U l-verbali ahna nqiesuhom bhala prattikament qisu l-vangelu ....**

**Imma hudu pacenzja, din hija d-direzzjoni li qed ittikom il-Qorti, dak li hemm irregistrat fl-atti, dak li hemm irregistrat fil-verbal jekk ma huwiex irregistrat fil- verbal allura qisu ma jezistix. Qisu ma jezistix. Ikun hemm kemm ikun hemm cross talking: dana gie rekordjat kif gew irrekordjati dawn il-karti kollha li ghandna hawnhekk u ittajpjat? Fil-verbal hemm xi referenza cara ghal dak li sar u ma sarx. ....”**

**60.**Issa f’din id-direzzjoni li kienet qed tigi moghtija lill-gurati, l-Imhallef bl-ebda mod ma kien qed jimplika illi dak illi xehed l-appellant kien inverosimili, u li ma ghandux mis-sewwa. L-Imhallef, kif kien fid-dmir li jaghmel u dan fit-termini tal-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali, kien qieghed jispjega ir-regoli tal-procedura penali. Hija regola tal-procedura illi l-Qorti u kull min hu msejjah biex jiggudika ghandu jaghmel dan biss fuq il-provi u dak kollu li jirrizulta mill-atti processwali u xejn izjed.

**61.**Issa ghalkemm seta` kien minnu illi Ben Salah qal id-diskors riportat mill-appellant fix-xiehda tieghu, madanakollu billi dan id-dikors allegatament intqal f’awla tal-qorti fil-kors tax-xiehda ta’ Ben Salah, ladarba l-istess diskors ma giex irregistrat la bhala parti mix-xiehda u wisq anqas fil-verbal tas-seduta, allura ma jista’ qatt jikkostitwixxi prova valida skont il-ligi. Illi allura il-gurati gew sewwa diretti mill-Imhallef fl-indirizz tieghu sabiex jistriehu biss fuq dak li hemm riprodott fl-atti processwali u xejn aktar. Fuq kollox anke jekk *gratia argomenti* huwa minnu illi Ben Salah qal dan id-diskors, kien jispetta lill-appellant tramite d-difensuri tieghu illi jara illi tali affermazzjoni li qies daqstant

importanti għall-każ tiegħu tiġi debitament reġistrata u mhux iħalli s-snin ighaddu, imbaghad isemmi dan il-fatt biss fil-kors tax-xiehda tieghu fil-guri. Ir-regola hi li dak li jsehh quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jigi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza u l-Qorti trid toqghod necessarjament fuq il-verbal jew il-verbali li jkunu saru. Kien jispetta lill-appellant jew lid-difensur tieghu, kif inghad, sabiex *a tempo vergine* jirregistra l-opposizzjoni tieghu ghall-fatt illi din id-dikjarazzjoni maghmula minn Ben Salah ma gietx irregistrata, haga li baqghet ma saritx u kwindi ladarba ma hemm registrata imkien fl-atti xi opposizzjoni ghal dan in-nuqqas, kwindi din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha u allura ukoll il-gurati, kif sewwa diretti mill-Imhallef kellhom jiskartaw tali allegazzjoni maghmula mill-appellant dwar dak li sehh f'awla ta' qorti u li ma huwiex registrat[8].

**62.**Moghtija din id-direzzjoni, allura, il-gurati waslu ghall-verdett taghhom kwazi unanimu ta' htija bi tmien voti favur u wiehed kontra fuq kull kap ta' l-att tal-akkuza, verdett illi fil-fehma ta' din il-Qorti kien wiehed legalment u fattwalment validu fejn ma jistax jinghad illi sehh xi nuqqas fl-amministrazzjoni tal-gustizzja li jista' iwassal ghan-nullita' tieghu. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jigi michud.

**E. Il-piena**

**63.**Fl-ahhar aggravju tieghu l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tnejn u ghoxrin (22) sena prigunerija u multa ta' hamsin elf ewro (€50000), ma kenitx wahda imsejsa fuq il-principju ta' proporzjonalita` li huwa dritt ta' kull cittadin tal-Unjoni Ewropeja. Fil-fehma tieghu, imur kontra kull forma ta' armonizazzjoni ta' pieni u *sentencing policy* adottati mill-qrati tul is-

[8] Ara fst ohrajn id-decizjoni Il-Pulizija vs Stpehen Chetcuti u Simone Zammit Endrich App. Inf. 07/11/2003

snin. Jishaq illi meta mqabbla mal-piena inflitta fuq Hasan Ben Salah ta' ghoxrin (20) sena prigunerija, li kien akkuzat b'reati ohra li sehhew mal-medda tas-snin bejn l-1992 u l-2005, il-piena erogata fil-konfront tieghu kienet wahda eccessiva. Dan ukoll ghaliex il-komplici spicca wehel piena iktar minn dik tal-awtur tar-reat.

**64.**Issa kif dejjem gie ritenut kostantement mill-qrati taghna:

> **"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena[9]."**

**65.**Illi l-insenjament tal-awturi u tal-gurisprudenza dwar id-disparita fil-pieni gie diversi drabi ikkunsidrat fid-decizjonijiet tal-qrati taghna dwar il-quantum tal-piena erogata:

> **"Il-Qrati Inglizi kellhom okkazjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-gurisprudenza wiehed jista' jislet certi linji ta' gwida. F'Blackstone's Criminal Practice, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:**
>
> **"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by Stroud (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle**

[9](Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)".

**or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, overlenient penalties.**

**As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes (1980) 74 Cr App R 161P. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, Wood (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.**

**Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (Dickinson [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in Nooy (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable cooffenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:**

**There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.[10]"**

[10] Ir-Repubblika ta' Malta vs Duncan Scerri, *omissis;* App. Sup. 15/03/2015

**66.**Issa huwa indubitat illi r-reita ta' l-appellant u ta' Ben Salah ma kienx l-istess, b'Ben Salah jigi misjub hati,fi tlett okkazzjonijiet separati u cioe' fl-1995, fl-2002 u fl-2005 ta' assocjazzjoni u importazzjoni ta' droga f'Malta. Ben Salah, madanakollu kien irregistra ammissjoni bikrija u dan qabel ma gie kompost il-guri. Mhux biss izda jidher illi kien sar patteggjament bejn il-prosekuzzjoni u id-difiza, liema patteggjament kien gie milqugh mill-Qorti fit-termini tal-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali.

**67.**Issa din il-Qorti tista' tapprezza li l-appellant ħass *"a sense of grievance"* bid-disparita` fil-pieni. Għalhekk din il-Qorti trid teżamina jekk il-piena mogħtija lill-appellant kinitx waħda severa wisq fiċ-ċirkostanzi. Dan ghaliex bil-fatt wahdu illi l-piena erogata fil-konfront ta' Ben Salah kienet wahda inqas minn dik tal-appellant, ma ifissirx necessarjament illi **L**-*quantum* tal-piena moghtija fil-konfront ta'l-appellant kienet eccessiva, harxa jew ingusta. **"Li ċertament mhuwiex aċċettabbli għal din il-Qorti hu li biex tirriduċi sentenza waħda toħloq sitwazzjoni fejn ikun hemm *"two, rather than one, over-lenient penalties"*.**[11]**"** Mhux biss izda l-Ewwel Qorti fissret sewwa l-konsiderazzjonijiet li wassluha sabiex teroga piena ta' 22 sena prigunerija u multa ta' 50000 ewro u dan wara li qieset sewwa l-argumenti li ressqu kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza u ikkonkludiet hekk:

> **"Ghalhekk il-Qorti, waqt li zammet kull punt li ntqal mid-difiza u mill-prosekuzzjoni dwar il-piena, ma tistax tinjora kemm l-ammont involut kif ukoll li, b'kuntrast ma' sentenzi ohra, f'dan il-kaz la kien hemm ammissjoni bikrija u lanqas xi ftehim bejn l-Avukat Generali u id-difiza....**
>
> **Il-Qorti qed tqis illi l-fedina penali tal-hati ma kien hemm ebda oggezzjoni dwarha fis-sottomissjonijiet li saru miz-zewg nahat. Ma tqisitx bhal wahda preokkupanti.**

[11] Ibid.

**Qieset ukoll illi r-reati taht l-Ewwel u it-Tieni Kap f'dan il-kaz partikolari servew bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat fit-Tielet Kap u ghalhekk skont l-artikolu 17(h) tal-kap 9, l-Ewwel u it-Tieni Kap jigu assorbiti fit-Tielet Kap."**

**68.** Illi huwa ndubitat illi l-piena inflitta fuq l-appellant taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi. Dwar dan ma jidhirx illi hemm xi ilment mill-appellant. Dak li jsib oggezzjoni ghalih izda huwa l-fatt illi l-komplici tieghu fil-kummissjoni tar-reati addebitati lilu wehel piena inqas minn dik erogata fil-konfront tieghu u dan meta l-akkuzi li dwarhom Ben Salah gie misjub hati kienu ferm iktar oneruzi. Illi din il-Qorti ma tistax taghti ragun lill-appellant u dan ghall-istess motivazzjonijiet imfissra mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha.

**69.** Ibda biex is-sentenza erogata fil-konfront ta' Hasan Ben Salah kienet imsejsa fuq ammissjoni bikrija u patteggjament bejn l-Avukat Generali u id-difiza, accettata mill-Qorti. Di piu', din il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-ammont ta' droga involuta f'dan il-kaz kien sostanzjali b'addirittura 'il fuq minn sitt kilogrammi kokajina ta' purita gholja hafna ta' 85.8%, b'valur ta' iktar minn nofs miljun ewro (€500,000) jigu importati f'Malta u li kieku ma kienx bl-intervent f'waqtu tal-pulizija, kienu ser jispiccaw ittraffikati fis-suq lokali.

**70.** L-appellant isostni l-argument tieghu dwar is-severita` tal-piena nflitta fuqu billi jirreferi ghall-principju generali ta' l-proporzjonalita` tal-piena meta imqabbel mal-gravita o meno tar-reat. Illi fl-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja hemm imfisser:

**"Is-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat."**

**71.** Dan il-principju, madanakollu, kien dejjem suggett ghal dibattitu dwar it-tifsira li ghandu jinghata, principju li qatt ma gie sewwa definit fil-ligi. Dan il-

principju ghandu jiehu kont tal-principju l-iehor tar-retribuzzjoni, tal-utilita` ta' piena u dan fir-rigward tal-hati u tas-socjeta' in generali.

> **"Juridical punishment can never be administered merely as a means for promoting another good either with regard to the criminal himself or to civil society, but must in all cases be imposed only because the individual on whom it is inflicted has committed a crime. For one man ought never to be dealt with merely as a means subservient to the purpose of another... He must first be found guilty and punishable before there can be any thought of drawing from his punishment any benefit for himself or his fellow citizens. The penal law is a categorical imperative; and woe to him who creeps through the serpent-windings of utilitarianism to discover some advantage that may discharge him from the justice of punishment, or even from the due measure of it, according to the Pharisaic maxim: 'It is better that one man should die than the whole people should perish.' For if justice and righteousness perish, human life would no longer have any value in the world.[12]"**

**72**. Awturi ohra fosthom il-Beccaria jargumentaw illi l-pieni ghandhom ikunu proporzjonali ghas-severita tar-reat, u dan meta jitkejjel mal-hsara li tbati s-socjeta' b'konsegwenza tal-kummissjoni tal-istess. Huwa errat ghalhekk l-appellant meta jargumenta illi l-ammont tal-piena ghandu jkun evalwat biss mill-ottika tal-hati li fl-ahhar mill-ahhar ikun ser jiskonta dik il-piena.

**73**. Illi l-artikolu 142(1) tal- Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders***
>
> ***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***
>
> ***(c) the reform and rehabilitation of offenders***
>
> ***(d) the protection of the public***

[12] Immanuel Kant

***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

**74.**Illi allura min hu msejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jitharsu l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u tas-socjeta` in generali billi tinghata dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

**75**. Illi allura meta din il-Qorti tigi biex tqis jekk il-piena erogata fil-konfront tal-appellanti kenitx wahda sporporzjonata ghar-reat minnu kommess u ikkundannat ghalih, ghandha tqis l-ewwel u qabel kollox, mhux jekk tali piena hijiex wahda harxa fil-konfront tieghu u cioe' tal-figura tal-hati, izda jekk l-istess hijiex eccessiva *vis-à-vis* ir-reati li dwarhom huwa gie ikkundannat. Tqis ghalhekk illi ma tistax issir revizjoni tal-piena erogata semplicement ghall-fatt illi l-komplici tieghu wehel piena iktar miti, izda biss jekk il-piena kenitx wahda sproporzjonata ghall-kundanna minnu subita u tieqaf hemm. Kif inghad il-piena erogata taqa' fil-parametri tal-ligi, ir-reati li dwarhom gie misjub hati huma ferm gravi, u l-ammont ta' droga nvoluta kien wiehed sostanzjali b'purita` gholja hafna. Illi ghalhekk ma jirrizultax illi l-Ewwel Qorti marret kontra il-principji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja jew inkella li kienet harxa jew eccessiva fil-*quantum* tal-piena erogata, kif allegat mill-appellant. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll qed jigi michud.

**76.Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi ż-żmien sabiex jitħallsu l-ispejjeż**

**peritali u sabiex l-Avukat Ġenerali jindika permezz ta' nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa in konnessjoni ma'proċeduri kriminali kontra terzi jibda jiddekorri millum.**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon - Agent President**

**Onor. Imħallef Abigail Lofaro**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**